12. **It-tnax nett**, f'dak li jirrigwarda l-allegata possibbiltà li l-appellanti tikseb finanzjament estern, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-provi billi ma eżerċitatx skont id-dritt il-ġurisdizzjoni tagħha fil-qasam tal-istħarriġ ġudizzjarju, wettqet żball ta' liġi li jikkonsisti fi ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u, fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi li jikkonsisti fl-iżnaturament tal-fatti u tal-provi fir-rigward tal-possibbiltà li l-appellanti tikseb finanzjament estern.

13. **It-tlettax nett,** f'dak li jirrigwarda l-allegata possibbiltà li l-appellanti tirrikorri għall-azzjonisti, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-provi, u f'kull każ, kisret l-obbilgu tagħha li twettaq stħarriġ b'ġurisdizzjoni sħiħa, meta qieset li l-appellanti ma kinitx tat lill-Kummissjoni l-informazzjoni neċessarja sabiex tevalwa d-daqs tal-assi netti tal-azzjonisti tagħha u, barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet nuqqas ta' motivazzjoni sa fejn ma spjegatx ir-raġunijiet li għalihom ir-rapporti ta' Deloitte invokati mill-appellanti ma għandhomx valur probatorju.

---

**Appell ippreżentat fit-12 ta' Awwissu 2016 minn Trenzas y Cables de Acero PSC, S.L. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fit-2 ta' Ġunju 2016 fil-Kawżi magħquda T-426/10 sa T-429/16 u T-438/12 sa T-441/12, Moreda-Riviere Trefilerias *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-458/16 P)**

(2016/C 392/20)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Appellanti:* Trenzas y Cables de Acero PSC, S.L. (rappreżentanti: F. González Díaz, A. Tresandi Blanco, V. Romero Algarra, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Ġunju 2016 fil-Kawżi 7magħquda T-438/12 sa T-441/12, u b'mod partikolari, fil-Kawża T-441/12, Trenzas y Cables de Acero PSC, S.L. vs Il-Kummissjoni Ewropea;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kemm ta' dawn il-proċeduri kif ukoll ta' dawk quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

1. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddikjarat inammissibbli l-motiv ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-appellanti.

2. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi applikat kriterju ġuridiku żbaljat fil-kuntest tal-evalwazzjoni tat-tieni talba ta' assenza ta' kapaċità kontributtiva u, għaldaqstant, tal-ammissibbiltà tar-rikors.

3. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-provi jew żnaturament manifest tal-provi, ksur tal-obbligu li twettaq stħarriġ b'ġurisdizzjoni sħiħa u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva kif ukoll nuqqas ta' motivazzjoni.

---